

Brussell, 12 ta' Novembru 2025
(OR. en)

15196/25
ADD 1

JAI 1640
MIGR 413
FRONT 266
RELEX 1441
ASILE 101

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	11 ta' Novembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 795 final - ANNEX
Suġġett:	ANNESS tal- KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL DWAR IR-RAPPORT EWROPEW ANNWALI DWAR L-AŻIL U L-MIGRAZZJONI (2025)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 795 final - ANNEX.

Mehmuż: COM(2025) 795 final - ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.11.2025
COM(2025) 795 final

ANNEX

ANNEX

tal-

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U
LILL-KUNSILL DWAR IR-RAPPORT EWROPEW ANNWALI DWAR L-AŻIL U L-
MIGRAZZJONI (2025)**

ANNEX

tal-

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL DWAR IR-RAPPORT EWROPEW ANNWALI DWAR L-AŻIL U L-MIGRAZZJONI (2025)

It-tieni rapport tas-sitwazzjoni attwali dwar l-implimentazzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil

INTRODUZZJONI

Il-Kummissjoni ħarġet l-aħħar rapport tas-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil f'Ġunju 2025¹. Dan it-tieni rapport tas-sitwazzjoni attwali jkopri l-perjodu minn dak iż-żmien sal-bidu ta' Ottubru 2025.

F'dan iż-żmien, l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Aġenziji tal-Unjoni, flimkien ma' partijiet ikkonċernati u sħab differenti, komplew jaħdmu fuq l-elementi kostitwenti kollha, biex jiżguraw li l-implimentazzjoni tkompli.

Sar aktar progress, u ntlaħqu objettivi intermedji importanti, inkluż l-iżvilupp ta' strateġiji u pjanijiet ta' kontinġenza nazzjonali, adattamenti tal-oqfsa legali nazzjonali u l-adozzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1351, kif ukoll saru preparamenti biex jitwettagħ l-ewwel Ċiklu Annwali tal-Ġestjoni tal-Migrazzjoni.

Fl-istess ħin, għad fadal sfidi, partikolarment b'rabta mal-Eurodac u mal-iżgurar li s-sistemi jkunu lesti fil-ħin, rigward il-proċedura fuq il-fruntiera u l-ħtieġa li jiġu implimentati l-infrastruttura, ir-rekwiżiti tal-persunal u l-arranġamenti amministrattivi meħtieġa biex jinżammu l-iskedi ta' żmien. Barra minn hekk, madwar l-Unjoni, għandhom jiġu ffinalizzati l-arranġamenti tal-iskrinjar u l-kapaċità ta' akkoljenza tiġi allinjata mal-ħtiġijiet attwali u mal-qafas il-ġdid. Fl-aħħar nett, għandhom jiġu konklużi l-arranġamenti relatati mal-monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali kif ukoll mal-pariri legali.

F'Lulju 2025, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għal Qafas Finanzjarju Pluriennali ġdid u pproponiet li l-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni għall-migrazzjoni, għas-sigurtà u għall-ġestjoni tal-fruntieri jizjed bit-triplu fil-perjodu li jmiss, flimkien ma' żieda sinifikanti fil-finanzjament għall-Aġenziji tal-Affarijiet Interni. B'kollox, l-appoġġ finanzjarju addizzjonali propost tal-Unjoni għall-qasam tal-affarijiet interni u l-migrazzjoni jkun jammonta għal EUR 81 biljun.

¹ Ara l-ewwel rapport tas-sitwazzjoni attwali dwar l-implimentazzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52025DC0319>.

TWETTIQ FIL-LIVELL TAL-UNJONI

L-ewwel fażi ta' ppjanar essenzjali bdiet bil-preżentazzjoni tal-Pjan ta' Implimentazzjoni Komuni f'Ġunju 2024, li pprova qafas għall-iżvilupp tal-Pjanijiet Nazżjonali ta' Implimentazzjoni tal-Istati Membri, u l-istabbiliment tal-arranġamenti ta' governanza rilevanti².

Sa issa, il-ħidma fuq l-implimentazzjoni tal-Patt hija ffokata bis-sħiħ fuq l-adattament leġislattiv, l-operazzjonalizzazzjoni Prattika, u l-allokkazzjoni tar-riżorsi għar-riformi meħtieġa. F'din il-fażi, il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni stabbiliti jkomplu jiffunzjonaw tajjeb, kemm fil-livell orizzontali fil-qafas tal-Kumitat Strateġiku dwar l-Immigrazzjoni, il-Fruntieri u l-Ażil (minn hawn 'il quddiem: SCIFA, Strategic Committee on Immigration, Frontiers and Asylum) jew skont id-djalogu bilaterali msawwar apposta tal-Kummissjoni mal-Istati Membri. Komplex l-iskambji aktar ġenerali mal-Parlament Ewropew fil-qafas tal-laqgħat regolari tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ażil – Implimentazzjoni tal-Patt/is-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern.

Fil-qafas tal-proċedura leġislattiva, isir progress fuq il-proposti leġislattivi differenti ppreżentati mill-Kummissjoni matul l-aħħar 7 xhur biex jitlesta u jiġi kkomplementat il-Patt. Dawn jinkludu l-proposta għal Regolament ġdid dwar ir-Ritorn, il-proposta relatata mal-kunċett ta' "pajjiż terz sigur" kif ukoll il-lista proposta tal-Unjoni ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu³. Il-Parlament Ewropew ħatar ir-rapporteurs rispettivi tiegħu u nbdew il-laqgħat tekniċi. Min-naħa tiegħu, il-Kunsill beda jaħdem fuq il-pożizzjonijiet tiegħu, bid-diskussjonijiet għaddejjin fil-korpi rilevanti. Sadanittant, qed isir progress fil-ħidma fuq l-atti ta' implimentazzjoni li jirriżultaw mil-leġislazzjoni tal-Patt fil-Kumitati ta' Kuntatt tal-Kummissjoni (ara l-element kostitwenti fit-taqsimha ta' hawn taħt).

L-Aġenziji differenti tal-Unjoni⁴ kienu qed jaħdmu mill-qrib mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri, filwaqt li jipprovdu appoġġ għar-riformi skont il-mandati tagħhom. B'mod ġenerali, l-aġenziji jinsabu fit-triq it-tajba biex iwasslu d-dokumenti ta' gwida, il-mudelli u l-materjal ta' taħriġ differenti li huma antiċipati fil-Pjan ta' Implimentazzjoni Komuni. Barra minn hekk, qed jiprovdu appoġġ fuq talba lil diversi Stati Membri u qed jirrispondu għal sfidi ġodda u emerġenti. Saru żewġ eżerċizzji ta' monitoraġġ pilota tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA, European Union Agency for Asylum), bi tnejn għall-varar sħiħ tal-programm ta' monitoraġġ pluriennali tal-EUAA (mill-2026), mal-Estonja u man-Netherlands. Bħala parti mill-eżerċizzji, żewġ Timijiet ta' Esperti li jikkonsistu mill-EUAA, mill-Kummissjoni, u mill-Istati Membri, kif ukoll mill-UNHCR bħala osservaturi, wettqu żjarat fuq il-post f'Ġunju 2025. Ir-rapporti finali bis-sejbiet ġew finalizzati u kondiviżi mal-Istati Membri rispettivi. Minn

² Il-Pjan ta' Implimentazzjoni Komuni għall-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil - Il-Kummissjoni Ewropea.

³ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fl-Unjoni, u li tassar id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE, COM(2025) 101 final EUR-Lex - 52025PC0101 - MT - EUR-Lex; Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1348 fir-rigward tal-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni COM(2025) 186 final EUR-Lex - 52025PC0186 - MT - EUR-Lex; Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1348 fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kunċett ta' "pajjiż terz sigur", COM(2025) 259 final EUR-Lex - 52025PC0259 - MT - EUR-Lex.

⁴ Speċjalment l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil, l-Aġenzija, l-eu-LISA, il-Frontex, il-Europol u l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali.

Ġunju 2026, l-Istati Membri kollha se jiġu monitorjati f'termini tal-implimentazzjoni teknika u operazzjonali tagħhom tal-Patt f'ċiklu ta' ħames snin.

L-iprogrammar tal-appoġġ finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Patt bdiet bl-involviment kontinwu tal-Istati Membri (ara t-taqsimha 3.1.). Dan ikopri l-EUR 3 biljun addizzjonali disponibbli għall-Istati Membri biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Patt u biex jospitaw persuni spostati mill-Ukrajna. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri kkwalifikaw ukoll biex jaċċessaw fondi addizzjonali disponibbli taħt ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Fondi għall-Affarijiet Interni, li jammontaw għal EUR 1,6 biljun oħra.

L-appoġġ parallel lill-Istati Membri permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku ġestit mill-Kummissjoni jkompli. Bħalissa, l-awtoritajiet ta' disa' Stati Membri⁵ qed jirċievu appoġġ imfassal apposta biex iwettqu riformi speċifiċi li jirriżultaw mill-Pjanijiet Nazzjonali ta' Implimentazzjoni tagħhom matul il-perjodu ta' tranżizzjoni ta' sentejn sal-2026.

L-involviment mas-soċjetà ċivili seħħ fil-livell tal-Unjoni f'diversi fora kif ukoll f'bidma bilaterali biex jintlaħqu n-nies. Element partikolari tal-bidma biex jintlaħqu n-nies fl-aħħar xahar kienu jinkludu l-involviment ma' networks ġudizzjarji biex titrawwem il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni relatati mal-bidliet proċedurali introdotti mill-Patt, inklużi skadenzi ġodda relatati għall-konklużjoni tal-proċeduri differenti⁶. Ir-rwol tal-ġudikatura huwa partikolarment importanti għall-funzjonament tar-regoli dwar ir-responsabbiltà għall-proċeduri tal-ażil u ta' ritorn fuq il-fruntiera (ir-Regolament (UE) 2024/1351), l-ordnijiet ta' detenzjoni, il-kapaċitajiet ta' akkoljenza, il-ħatra ta' rappreżentanti għal minorenni mhux akkumpanjati, u l-assistenza u r-rappreżentanza legali.

Is-sinifikat usa' tar-riformi għadu għalkollox fil-qrib: Wara l-iskadenza legali tal-12 ta' Ġunju 2025, 22 Stat Membru ffinalizzaw l-istrateġiji nazzjonali tagħhom dwar il-migrazzjoni u l-ażil⁷. Dawn l-istrateġiji jirriflettu approċċ strateġiku komprensiv u ta' gvern sħiħ għall-migrazzjoni u għall-ażil. Min-naħa tagħhom, dawn se jinfurmaw l-ewwel strateġija Ewropea għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, li għandha tasal sa tmiem is-sena.

OPERAZZJONALIZZAZZJONI TAL-ELEMENTI KOSTITWENTI – AĠĠORNAMENT DWAR IL-PROGRESS

L-għadd ta' Pjanijiet Nazzjonali ta' Implimentazzjoni għall-Patt jibqa' l-istess minn Ġunju 2025. Fil-livell tal-Istati Membri, l-arranġamenti ta' koordinazzjoni u ta' governanza evolwew aktar, abbażi wkoll tal-identifikazzjoni ta' partijiet ikkonċernati importanti – u l-iskambju ulterjuri magħhom – għall-implimentazzjoni tar-riformi. Dan jista' jinkludi pereżempju l-ħtieġa ta' involviment akbar tad-dipartimenti jew tal-ministeri kompetenti responsabbli għall-forniment ta' servizzi bħall-edukazzjoni jew is-saħħa, kif ukoll aktar involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tas-sħab tal-implimentazzjoni biex isir progress fl-operazzjonalizzazzjoni tal-ftehimiet ta' sħubija meħtieġa. L-Istati Membri li ma għamlux dan għandhom iżidu l-involviment, speċjalment mal-ġudikatura, biex jantiċipaw il-ħtiġijiet relatati.

Se jkun dejjem aktar importanti li jiġi żgurat li l-istadji importanti fil-livell nazzjonali u l-miri intermedji li jifdal ikunu ddefiniti sew u ntraċċati, biex jgħinu fl-identifikazzjoni u l-indirizzar ta' kwalunkwe dewmien. Dan kien sfida aktar ġenerali li diġà ġiet identifikata fl-ewwel rapport

⁵ Il-Belġju, iċ-Ċekja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, l-Italja, il-Litwanja, ir-Rumanija u s-Slovakkja.

⁶ Pereżempju, il-Grupp ta' Bidma dwar l-Ażil u l-Immigrazzjoni tal-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin Amministrattivi Ewropej (AEAJ, Association of European Administrative Judges).

⁷ Il-Kroazja, l-Ungerija, il-Lussemburgu u r-Rumanija għadhom ma kkondividewx l-istrateġiji tagħhom. Ir-Rumanija kkondividiet abbozz mal-Kummissjoni li l-adozzjoni finali tiegħu għadha pendenti, filwaqt li l-Lussemburgu u l-Kroazja nnotifikaw dewmien.

dwar l-Implimentazzjoni tal-Patt. Xi Stati Membri stabbilew prattiki tajbin u proċessi ta' implimentazzjoni f' dan ir-rigward⁸.

Ir-riformi leġiżlattivi relatati mal-allinjament tal-oqfsa legali nazzjonali mal-Patt u t-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2024/1346 issa għaddejjin bis-sħiħ. Għadd żgħir ta' Stati Membri diġà adottaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti, kompletament jew parzjalment⁹. Għadd dejjem jikber ta' Stati Membri diġà lestew l-abbozzar tal-leġiżlazzjoni jew jinsabu fl-istadji finali tat-tnejn tal-proposti¹⁰. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, dan il-proċess jinkludi livelli differenti ta' konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili u mal-partijiet ikkonċernati ewlenin¹¹.

L-Istati Membri li għadhom qed jirrieżaminaw l-oqfsa leġiżlattivi tagħhom għandhom ilestu dan il-proċess kemm jista' jkun malajr biex jiżguraw li l-abbozzar jitlesta u l-proċessi ta' adozzjoni jkunu jistgħu jibdeu kmieni s-sena d-dieħla¹². Il-ħidma fil-kumitati ta' kuntatt tal-Kummissjoni se tiżviluppa aktar gwida u tindirizza d-domandi u l-mistoqsijiet emerġenti.

Appoġġ finanzjarju: programmar nazzjonali

Mill-aħħar aġġornament, il-Kummissjoni ħadmet mill-qrib mal-Istati Membri kollha fuq il-programmar tal-appoġġ finanzjarju ddedikat għall-Patt. L-EUR 3 biljun allokatu għal dan l-eżerċizzju se jgħinu biex jiġi żgurat li l-elementi ewlenin tal-qafas il-ġdid ikollhom biżżejjed riżorsi, kemm jekk mill-fondi tal-Unjoni kif ukoll minn dawk nazzjonali¹³. L-Istati Membri kollha minbarra wieħed¹⁴ ippreżentaw formoli mal-proposti tagħhom, li huma l-bażi għad-djalogu dwar il-finanzjament mas-servizzi tal-Kummissjoni. Dan il-metodu ta' ħidma jippermetti lill-Kummissjoni teżamina l-isfidi li jiffaċċjaw l-Istati Membri u tgħin视角 jiddeċiedu dwar l-aktar użu xieraq tal-fondi tal-Unjoni, komplementari mal-baġit nazzjonali, f'konformità mal-Pjanijiet Nazzjonali ta' Implimentazzjoni.

Sfidi ewlenin u passi li jmiss:

Bħalissa, diversi Stati Membri kkonkludew id-djalogu dwar il-programmar tal-fondi addizzjonali u jinsabu fit-triq it-tajba biex jiffinalizzaw il-proċess ta' emenda tal-programm sa tmiem is-sena. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jinsabu fl-aħħar passi tad-djalogu. Dan il-proċess jeħtieġ li jiġi konkluż kemm jista' jkun malajr biex jidħol fl-istadju tal-emendar li jista' jieħu diversi xhur.

⁸ Pereżempju, l-awtoritajiet Bulgari ħejjew rapport ta' sitt xhur għall-implimentazzjoni tal-NIP u aġġornaw l-NIP tagħhom, li jqis l-eżitu tad-djalogu dwar il-finanzjament tal-Patt mal-Kummissjoni u l-progress li sar rigward l-implimentazzjoni prattika.

⁹ Dan jinkludi ċ-Ċekja u l-Greċja.

¹⁰ L-Awstrija, id-Danimarka, Ċipru, l-Estonja, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Portugall u Spanja ffinalizzaw l-abbozzar jew jinsabu fl-istadji finali tiegħu. Il-Ġermanja ppreżentat proposta lill-Parlament fit-12 ta' Settembru. Fil-Bulgarija, fil-Kroazja, fil-Finlandja, fi Franza, fl-Irlanda, fl-Italja, f'Malta, fis-Slovakkja, fis-Slovenja u fl-Iżvezja, l-abbozzar jinsab għaddej. L-Istati Membri li għad iridu jikkonkludu r-rieżami tal-leġiżlazzjoni għall-oqsma kollha jew partijiet minnhom koperti mill-Patt jinkludu l-Belġju, il-Greċja u r-Rumanija.

¹¹ Bħal fl-Awstrija, fil-Bulgarija, fil-Kroazja, f'Ċipru, fid-Danimarka, fl-Estonja, fil-Finlandja, fil-Ġermanja, fl-Irlanda, fil-Litwanja, fin-Netherlands, fil-Portugall, fis-Slovenja u fl-Iżvezja.

¹² Ir-rieżami leġiżlattivi għadu għaddej fil-Belġju u fir-Rumanija, jinsab parzjalment pendenti fil-Greċja, u possibbilment se jkun hemm dewmien fil-Latvja u fil-Polonja.

¹³ Pereżempju, l-istabbiliment ta' proċeduri fuq il-fruntiera u skrinjar (inkluż, meta xieraq, ċentri b'diversi skopijiet); investiment adegwat fl-Eurodac u aġġustamenti oħra relatati mal-IT; l-iżgurar ta' kapaċitajiet ta' akkoljenza adegwati, inkluż f'konformità mal-obbligi legali għall-kapaċità adegwata ta' kull Stat Membru fil-fruntiera esterna; u l-istabbiliment tal-Mekkaniżmi tal-Monitoraġġ tad-Drittijiet Fundamentali u konsulenza legali bla ħlas.

¹⁴ L-Ungerija.

B'mod ġenerali, dan il-metodu ta' ħidma wassal għal skambju kostruttiv ħafna bejn l-Istati Membri u s-servizzi tal-Kummissjoni relatat mat-tnejn nazzjonali, komplementari mal-Pjanijiet Nazzjonali ta' Implimentazzjoni u mal-Istrateġiji Nazzjonali, u stabbilixxa Prattika tajbin ta' kuntatti regolari bejn l-Istati Membri u s-servizzi tal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet operazzjonali. Dawn id-diskussjonijiet jipprovdu wkoll bażi soda għall-kooperazzjoni u l-monitoraġġ konġunt tal-implimentazzjoni tal-Patt għas-snin li ġejjin. Il-kontinwazzjoni ta' djalogu regolari mal-Istati Membri, inkluż dwar il-progress fl-assorbiment tal-baġit, se tgħin biex jiġu ttraċċati l-isfidi u, meta xieraq, jingħata appoġġ addizzjonali mfassal apposta, kemm operazzjonali kif ukoll finanzjarju. Parti mill-baġit tal-2026-2027 tal-Faċilità Tematika tal-AMIF tista' tiġi mobilizzata biex tappoġġa aktar lill-Istati Membri, abbażi tal-ħtiġijiet identifikati matul l-iskambju kontinwu ta' informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Patt.

Element Kostitwenti 1 – Il-Eurodac

L-Istati Membri qed ikomplu jaħdmu mill-qrib mal-Kummissjoni u mal-eu-LISA biex jiżguraw li s-sistema tal-Eurodac tkun operazzjonali f'Ġunju 2026 skont l-iskeda. Fl-aktar laqgħa reċenti tal-Grupp Konsultattiv tal-Eurodac, b'mod ġenerali l-Istati Membri rrapportaw li sar progress tajjeb: Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, ġew speċifikati allokkazzjonijiet finanzjarji għal dan l-oġettiv, permezz ta' baġits nazzjonali jew bl-użu ta' fondi tal-Unjoni jew taħlita tagħhom. F'diversi Stati Membri, intgħażlu l-fornituri għas-servizzi rilevanti jew ġew aċċelerati l-proċeduri ta' akkwist permezz ta' kuntratti qafas, filwaqt li l-akkwist beda fi Stati Membri oħra¹⁵.

Sa Settembru, tmien Stati Membri u l-Europol irrapportaw li kienu kompletament fit-triq it-tajba¹⁶. Tmintax-il Stat Membru rrapportaw li għadhom jiffaċċjaw sfidi differenti, għalkemm jistennew li jkunu jistgħu jsovvu l-kwistjonijiet pendenti fil-ħin¹⁷. Stat Membru wieħed jinsab f'riskju li ma jlestix fil-ħin¹⁸. Matul l-aħħar xhur, l-eu-LISA għamlitha possibbli għall-Istati Membri jittestjaw l-operazzjonijiet, b'aktar ittestjar li jsir disponibbli għall-Istati Membri matul ix-xhur li ġejjin.

Fil-livell tal-Unjoni, il-Kummissjoni stabbiliet il-kumitat regolatorju tal-Eurodac u għamlet progress fil-ħidma fuq l-atti mhux leġislattivi relatati mal-Eurodac, b'mod partikolari dwar l-istatistika intersistemika u biex tiżgura l-interoperabbiltà. L-atti għadhom fit-triq it-tajba biex jiġu adottati din is-sena¹⁹.

Sfidi ewlenin u passi li jmiss:

¹⁵ Il-Belġju, il-Ġermanja (l-użu ta' kuntratti qafas), il-Bulgarija u l-Kroazja (bdew l-akkwist).

¹⁶ Il-Kroazja, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Greċja, in-Netherlands, ir-Rumanija, Spanja u l-Iżvezja.

¹⁷ L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovakkja u s-Slovenja.

¹⁸ L-Ungerija.

¹⁹ Fl-24 ta' Lulju, ittieħed vot dwar l-emendi tal-atti li ġejjin u dawn se jiġu adottati dalwaqt: C(2021) 6176 u C(2021) 6174 Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li jstabbilixxu r-regoli tekniċi għall-ħolqien ta' rabtiet bejn data minn sistemi ta' informazzjoni differenti tal-UE skont l-Artikolu 28(7) tar-Regolament (UE) 2019/817 u l-Artikolu 28(7) tar-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; u C(2023) 645 u C(2023) 649 Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li jstabbilixxu u jiżviluppaw l-istandard tal-format universali tal-messaġġi (UMF) skont ir-Regolament (UE) 2019/817 u r-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. L-emenda tad-Deċiżjoni Delegata li tissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-manwal tal-proċeduri u r-regoli meħtieġa għal mistoqsijiet, verifiki u valutazzjonijiet (għal viżi għal soġġorn qasir, viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza), imħejjija skont l-Artikoli 9h u 22b, hija ttardjata.

L-implimentazzjoni tas-sistema tal-Eurodac għadha tvarja bejn l-Istati Membri, li jirrifletti stadji differenti ta' progress. L-isfidi eżistenti jeħtieġ li jiġu indirizzati b'urġenza, peress li qed nidħlu fl-aħħar fażi qabel id-dħul fis-seħħ tal-Patt. F'diversi każijiet, l-isfidi jinkludu l-indirizzar tal-kwistjonijiet ta' konnettività li fadal, l-istabbiliment ta' miri ċari biex jitlestha l-ittestjar, it-tnedija tal-proċeduri ta' akkwist pendenti, u l-kjarifika tal-modalitajiet relatati manomina tal-punt ta' access²⁰.

L-Istati Membri huma mħeġġa bil-qawwa li jibdew l-ittestjar kemm jista' jkun malajr, peress li dan jippermetti kemm lill-eu-LISA kif ukoll lill-Istat Membru jidentifikaw kmieni kwalunkwe kwistjoni, li jħalli biżżejjed żmien biex jindirizzawhom. Ħames Stati Membri u l-Iżvizzera diġà bdew l-ittestjar tal-operazzjoni reali u għadd tajjeb waslu biex jibdew matul ix-xhur li għejjin²¹. Madankollu, il-maġġoranza tal-Istati Membri għadhom ma impenjawx ruħhom, li f'xi każijiet ġara minħabba li għadhom ma lestewx it-test tal-konnettività tagħhom, prerekwiżit għall-ittestjar tal-operazzjonijiet²². Il-Kummissjoni u l-eu-LISA jibqgħu fi djalogu tekniku mill-qrib mal-Istati Membri dwar din il-kwistjoni u l-eu-LISA bl-istess mod se tkompli tappoġġa lill-Istati Membri kollha meta meħtieġ.

Element Kostitwenti 2 – Sistema ġdida għall-ġestjoni tal-migrazzjoni fil-fruntieri esterni tal-Unjoni

Qed ikompli jsir il-progress lejn l-istabbiliment tal-proċeduri obligatorji tal-ażil u ta' ritorn fuq il-fruntiera. Mill-Komunikazzjoni ta' Ġunju dwar is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-Patt, kompla jiddied in-numru ta' Stati Membri li diġà għandhom kemm il-faċilitajiet ta' akkoljenza kif ukoll ir-riżorsi umani fis-seħħ biex jilhqnu kapacià adegwata jew li se jkollhom dan dalwaqt²³. Diversi Stati Membri qed jistabbilixxu u jorganizzaw ruħhom għall-iskrinjar obligatorju l-ġdid, inkluż billi jħejju skedi ta' taħriġ²⁴.

Komplet il-ħidma fil-kumitati rilevanti, li fost oħrajn irriżultat fit-tnejn ta' gwida dedikata tal-Kummissjoni dwar il-proċeduri tal-ażil u ta' ritorn fuq il-fruntiera u f'aġġornamenti regolari għall-gwida dwar l-iskrinjar, li jikkomplementaw il-Manwal Prattiku għall-Għassiesa tal-Fruntieri. Is-suġġetti reċenti indirizzati fil-laqgħat tal-kumitat kienu jinkludu wkoll l-użu ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira għall-fini tal-kontrolli tas-sigurtà u tal-identità. Minħabba li l-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera tibbaża fuq il-kapacià li jiġi żgurat ir-ritorn tal-applikanti miċħuda, il-valutazzjoni annwali tal-Kummissjoni tal-2025 skont l-Artikolu 25a tal-Kodiċi dwar il-Viżi għall-ewwel darba tat attenzjoni partikolari lill-pajjiżi ta' oriġini li n-nazzjonali tagħhom jaqgħu taħt il-proċedura fuq il-fruntiera.

F'kooperazzjoni mill-qrib, l-EUAA u l-Frontex żviluppaw offerta ta' taħriġ armonizzat dwar l-iskrinjar. Dan il-modulu preliminari sar disponibbli għall-utenti fl-aħħar ta' Settembru. Modulu komprensiv ta' taħriġ dwar l-iskrinjar se jkun disponibbli minn Marzu 2026. Is-sett ta' għodod għall-iskrinjar, żviluppat b'mod konġunt mill-Frontex, mill-EUAA u mill-

²⁰ L-Istati Membri kkonċernati jinkludu l-Awstrija, Malta, is-Slovenja u l-Greċja.

²¹ L-Istati Membri li f'Settembru rrapportaw lill-eu-LISA li diġà bdew l-ittestjar huma Franza, l-Irlanda, il-Lussemburgu, ir-Rumanija u l-Iżvezja.

²² Il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, id-Danimarka, il-Finlandja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, in-Netherlands, il-Portugall, is-Slovenja, Spanja.

²³ Minbarra l-Belġju, il-Finlandja, il-Lussemburgu, iċ-Ċekja, Ċipru, Franza, Malta u n-Netherlands, li ssemew fl-ewwel sitwazzjoni attwali dwar l-implimentazzjoni tal-Patt, l-Awstrija, l-Irlanda, il-Portugall, l-Iżvezja u l-Litwanja laħqu l-kapacià adegwata jew għamlu progress tajjeb.

²⁴ L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, iċ-Ċekja, Ċipru, l-Estonja, Franza, il-Greċja, l-Irlanda, il-Litwanja, in-Netherlands u l-Polonja u Spanja bħalissa huma meqjusa li jinsabu fit-triq it-tajba biex jimplimentaw l-iskrinjar.

Kummissjoni bl-appoġġ tal-Europol u tal-esperti tal-Istati Membri huwa mistenni sal-aħħar tas-sena. Is-sett ta' għodod jikkomplementa l-gwida tal-Kummissjoni u jinkludi sett ta' mudelli faċli għall-utent, materjali ta' gwida u riżorsi prattiċi²⁵. L-ittestjar operazzjonali tas-sett ta' għodod huwa mistenni li jibda f'Ottubru 2025.

Sfidi ewlenin u passi li jmiss:

Minkejja l-progress li sar, diversi mill-isfidi identifikati fir-rapport preċedenti jippersistu. Il-mistoqsijiet organizzazzjonali pendenti jinkludu l-aġġustament tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, ir-reviżjoni jew l-iżvilupp ta' proċeduri u linji gwida operattivi standard, l-iżgurar ta' persunal suffiċjenti, it-tweġġ ta' proċeduri ta' akkwist għall-bini jew għar-rinnovazzjoni ta' faċilitajiet, l-implimentazzjoni ta' miżuri effiċjenti biex jittaffew ir-riskji ta' ħrib, jew il-ħtieġa tal-integrazzjoni ulterjuri tal-bażijiet tad-data tal-IT²⁶. Meta meħtieġ, se jkunu meħtieġa xi miżuri tranżizzjonali temporanji²⁷. F'dan l-istadju, l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tal-kapaċità adegwata għadha f'riskju f'xi Stati Membri²⁸. Filwaqt li l-iskadenza legali biex l-Istati Membri jinnotifikaw il-postijiet għall-proċeduri fuq il-fruntiera hija l-11 ta' April 2026, l-Istati Membri huma mistiedna jindikaw il-postijiet mill-aktar fis possibbli biex jiffaċilitaw l-ippjanar għat-twaqqif tagħhom.

Dwar l-iskrinjar, għadd ta' Stati Membri għad iridu jiddefinixxu b'mod aktar ċar id-distribuzzjoni tal-kompiti fi ħdan l-istrutturi nazzjonali u jarmonizzaw il-proċeduri u/jew jirrieżaminaw ir-rekwiżiti tal-interoperabbiltà. Xi Stati Membri diġà għandhom ċentri ta' skrinjar, peress li diġà japplikaw proċessi tal-wasla²⁹. Għal xi oħrajn, il-pjanijiet li jkun hemm postijiet ċentralizzati se jkollhom jikkunsidraw li dawn jistgħu ma jkunux kompletament lesti sa Ġunju 2026. Xi Stati Membri oħra għażlu approċċ deċentralizzati – b'mod partikolari għall-iskrinjar fit-territorju. F'diversi każijiet, l-arranġamenti dwar il-kontrolli tas-saħħa għad iridu jiġu definiti, inkluż abbażi tal-kooperazzjoni mas-servizzi mediċi.

Element Kostitwenti 3 – Kunsiderazzjoni mill-ġdid tal-akkoljenza

Ħafna Stati Membri qed itejbu l-kapaċità ta' akkoljenza, kemm fil-kwantità kif ukoll fil-kwalità. Huma ħadu passi ulterjuri biex jindirizzaw in-nuqqasijiet fil-kapaċità jew biex jiżguraw li jkunu jistgħu jiġu operazzjonalizzati dispożizzjonijiet ġodda. Dan jinkludi l-konstruzzjoni ta' faċilitajiet ġodda u r-rikostruzzjoni u/jew it-titjib ta' faċilitajiet eżistenti. Ħafna Stati Membri kkonkretizzaw il-pjanijiet tagħhom, b'xi wħud jiffokaw fuq l-istabbiliment ta' ċentri ġodda b'diversi skopijiet³⁰. Il-mudelli u l-pjanijiet dettaljati żviluppatti mill-EUAA u mill-Kummissjoni huma utli f'dan ir-rigward, peress li ċ-ċentri huma mfassla biex jipprovdu

²⁵ Is-sett ta' għodod għall-iskrinjar jinkludi mudelli tal-formoli tal-iskrinjar u anness li jiddeskrivi l-proċess ta' konsultazzjoni għall-bażijiet ta' data rilevanti; mudell għall-ġħoti ta' informazzjoni bbażat fuq l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2024/1356, anness prattiku dwar it-tweġġ ta' verifiki preliminari tal-vulnerabbiltà. Dan jinkludi wkoll dokument ta' gwida dettaljat pass pass dwar it-tweġġ tal-iskrinjar, li jipprovdi assistenza prattika għall-użu tal-mudelli u għan-navigazzjoni tal-proċess ta' skrinjar kif ukoll deskrizzjoni tal-offerti ta' taħriġ mill-Frontex u mill-EUAA fir-rigward tal-iskrinjar.

²⁶ Dawn jinkludu d-Danimarka, il-Ġermanja, il-Finlandja, l-Italja, il-Litwanja, is-Slovenja u l-Portugall li kull wieħed minnhom jiffaċċja waħda jew aktar mill-isfidi elenkati.

²⁷ Dan jista' japplika għall-Kroazja, l-Irlanda, l-Estonja, l-Italja, il-Latvja u r-Rumanija u għandu x'jaqsam ma' faċilitajiet temporanji jew arranġamenti relatati mal-persunal. Il-Greċja u l-Bulgarija se jilhqgħu l-kapaċità adegwata; madankollu, jeħtieġ li tiġi żgurata l-kwalità tal-faċilitajiet.

²⁸ Minħabba l-għażla li għadha pendenti ta' faċilitajiet jew proċeduri ta' akkwist li għadhom ma bdewx, il-Ġermanja, il-Latvja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja jistgħu jirriskjaw dewmien.

²⁹ Pereżempju: il-Greċja, l-Italja, Spanja, Ċipru.

³⁰ Dan jinkludi l-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja.

firxa ta' servizzi, mill-identifikazzjoni u mir-reġistrazzjoni sal-faċilitajiet ta' akkoljenza għal kategoriji differenti ta' persuni kif ukoll l-aċċess għall-ħaddiema soċjali u għal servizzi ta' konsulenza legali.

Xi Stati Membri qed jużaw eżerċizzji ta' simulazzjoni biex jivvalutaw il-preparatezza tas-sistema ta' akkoljenza tagħhom għall-introduzzjoni ta' proċeduri/attivitajiet ġodda mill-Patt bħall-proċedura fuq il-fruntiera u l-iskrinjar³¹.

Il-possibbiltà li jkun hemm arranġamenti ta' akkoljenza differenti bbażati fuq tipi u gruppi differenti ta' applikanti li huma deskritti fid-Direttiva (UE) 2024/1346 ġiet adottata wkoll. L-Istati Membri qed jintroduċu jew jikkonsolidaw arranġamenti speċifiċi għall-każijiet ta' trasferiment tar-responsabbiltà³², iżda qed jaħdmu wkoll biex jindirizzaw aħjar il-ħtiġijiet tal-persuni b'vulnerabbiltajiet jew tal-familji fiċ-ċentri ta' akkoljenza³³. Diversi Stati Membri avvanzaw ukoll is-sistemi ta' ġestjoni tal-każijiet u d-diġitalizzazzjoni tal-proċessi biex itejbu l-aċċess u l-iskambju tad-data jew biex jadattaw b'xi mod ieħor għar-reqwiziti tal-Patt³⁴.

B'mod ġenerali, mill-aħħar aġġornament f'Ġunju, l-Istati Membri u l-EUAA għamlu sforzi sinifikanti biex jimlew il-lakuni fil-ġbir ta' data dwar l-akkoljenza³⁵. Madankollu, is-sistemi nazzjonali ta' akkoljenza huma kumplessi u eteroġeni ħafna. Hija meħtieġa data aktar granulari mill-Istati Membri kollha, biex il-Kummissjoni tippovdi stampa aktar komprensiva u komparabbli tal-kapaċità ta' akkoljenza fl-Unjoni u fl-Istati Membri għall-finijiet taċ-ċiklu annwali tal-ġestjoni tal-migrazzjoni. Għall-ewwel żewġ ċikli annwali (l-2025 u l-2026), il-Kummissjoni u l-EUAA stabbilew approċċ inkrementali li bih l-Istati Membri huma meħtieġa jirrapportaw id-data ta' akkoljenza dwar l-indikaturi ewlenin³⁶. Mill-2027, l-Istati Membri se jirrapportaw data lill-EUAA dwar sett komplut ta' indikatorji tal-akkoljenza.

L-Istati Membri u s-servizzi tal-Kummissjoni qed ikomplu jiltaqgħu fil-Kumitat ta' Kuntatt dwar l-Akkoljenza biex iħejju t-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2024/1346 u jiċċaraw il-kwistjonijiet pendenti. Id-diskussjonijiet reċenti indirizzaw kwistjonijiet bħall-miżuri ta' integrazzjoni bikrija, ir-restrizzjoni tal-libertà ta' moviment, id-detenzjoni u l-alternattivi għad-detenzjoni, kif ukoll b'mod aktar ġenerali l-interazzjoni ma' elementi oħra tal-Patt. In-Network ta' Akkoljenza tal-EUAA qed ikompli bil-ħidma tiegħu biex jidentifika l-isfidi operazzjonali u jikkondividi l-prattiki tajbin. Dawn id-diskussjonijiet kollha jikkontribwixxu wkoll għall-gwida riveduta tal-EUAA li ġejja dwar l-istandards u l-indikaturi. Il-gwida Prattika tal-aġenzija dwar l-istabbiliment u l-ġestjoni ta' ċentru tal-wasla u ta' akkoljenza wkoll qed toqrob it-tlestija.

Sfidi ewlenin u passi li jmiss:

³¹ Pereżempju: l-Irlanda, ir-Rumanija. L-Iżvezja.

³² Il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, il-Portugall, is-Slovakkja, is-Slovenja u l-Iżvezja qed jikkunsidraw li jagħmlu dan.

³³ Dan jinkludi l-Awstrija, Ċipru, iċ-Ċekja, l-Italja, il-Litwanja, il-Portugall, is-Slovenja.

³⁴ Pereżempju, iċ-Ċekja, l-Estonja, l-Italja, il-Kroazja, Franza, il-Bulgarija, il-Portugall, Spanja.

³⁵ Abbażi tad-data disponibbli, issa huwa possibbli li jkun hemm ħarsa ġenerali lejn l-għadd ta' persuni ospitati fis-sistemi nazzjonali formali ta' akkoljenza tal-Istati Membri, mifhuma bħala s-sett ta' arranġamenti fis-seħħ biex jakkomodaw lill-applikanti għall-ażil skont id-Direttiva (UE) 2024/1346. Madankollu, id-data kurrenti ma tkoprix l-appoġġ għall-akkomodazzjoni pprovdut lill-benefiċjarji ta' protezzjoni temporanja li jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2024/1346, u lanqas mhija granulari biżżejjed biex titqabbel is-sitwazzjoni ta' akkoljenza fl-Istati Membri differenti.

³⁶ Il-persuni fis-sistema ta' akkoljenza (l-għadd totali ta' persuni fis-sistema ta' akkoljenza inkluż id-diżaggregazzjoni skont l-istatus legali tal-persuni fl-akkoljenza u l-għadd ta' minorenni mhux akkumpanjati); u l-kapaċità tas-sistema ta' akkoljenza (is-sodod totali disponibbli fi tmiem il-perjodu ta' rapportar.

Għad hemm xi sfidi ewlenin fis-sistemi nazzjonali ta' akkoljenza. Kwalunkwe kostruzzjoni ġdida għandha tipproċedi b'mod f'waqtu u, meta meħtieġ, iridu jiġu stabbiliti miżuri intermedji biex tiġi żgurata l-konformità mad-Direttiva (UE) 2024/1346 u jiġu ggarantiti kapaċitajiet adegwati suffiċjenti sa meta jidħol fis-seħħ il-Patt³⁷. Għad hemm sfidi fir-rigward tal-gruppi vulnerabbli ospitati fis-sistemi ta' akkoljenza, bħall-minorenni mhux akkumpanjati u l-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru (it-taqsimha 3.10).

L-Istati Membri li jinsabu fl-istadji bikrija tal-ippjanar għaċ-ċentri b'diversi skopijiet u li għadhom ma għamlux dan diġà għandhom jinvolvu ruħhom mal-EUAA biex jikkunsidraw il-pjan dettaljat u l-mudelli żviluppanti speċifikament biex jiżguraw l-allinjament mad-dispożizzjonijiet u mal-prinċipji tal-Patt.

B'mod ġenerali, l-isfidi relatati mal-kapaċità u l-integrazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni jenfazzjaw il-ħtieġa kontinwa għall-allokazzjoni strateġika tar-riżorsi. Dan il-proċess għadu għaddej għal għadd ta' Stati Membri. Il-Kummissjoni tkompli tagħti attenzjoni mill-qrib lill-każijiet li fihom l-Istati Membri qed jippjanaw jew diġà qed jibdew tnaqqis fil-kapaċità ta' akkoljenza tagħhom biex tiżgura li kwalunkwe tali miżura tkun f'konformità mal-ħtieġa ġenerali li jkun hemm sistemi preparati sew. L-Istati Membri jingħataw ukoll il-parir li jipprovdu d-detenzjoni, b'mod allinjat bis-sħiħ mal-leġiżlazzjoni tal-Patt, meta d-detenzjoni trid tkun miżura tal-aħħar istanza.

Ir-rapportar u l-granularità tad-data dwar is-sistema nazzjonali ta' akkoljenza jeħtieġ li jittejjbu aktar biex tiġi infurmata l-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ta' akkoljenza inkluża fir-Rapport Ewropew Annwali dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni³⁸. Minħabba r-rwol ċentrali tal-akkoljenza, se tkun meħtieġa aktar ħidma biex jiġi żgurat li l-istatistika dwar l-akkoljenza tkun komparabbli u kompluta biżżejjed, u b'hekk tkun tista' ssir valutazzjoni aktar kompluta.

Element Kostitwenti 4 – Proċeduri ġusti, effiċjenti u konverġenti tal-ażil

Ir-riformi relatati mal-leġiżlazzjoni tal-Patt qed ikomplu jiġu diskussi fil-fora rilevanti. L-EUAA aġġornat il-gwida rilevanti u l-istandards operazzjonali u l-indikaturi dwar il-proċeduri tal-ażil li għandhom jiġu ffinalizzati sa tmiem is-sena, flimkien mal-gwida Prattika dwar ir-reġistrazzjoni u l-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali.

Diversi Stati Membri qed jieħdu miżuri biex jindirizzaw backlogs eżistenti fil-każijiet ta' ażil u jtejjbu l-ġestjoni ta' każijiet tagħhom. Dan iwarja mir-reklutaġġ ta' persunal addizzjonali għar-riforma tal-proċessi permezz tad-diġitalizzazzjoni u ta' sistemi integrati ta' ġestjoni ta' każijiet u l-armonizzazzjoni tal-flussi tax-xogħol u tal-proċeduri bejn partijiet ikkonċernati differenti³⁹. Diversi Stati Membri jużaw l-appoġġ tal-EUAA eż. biex jiżviluppaw b'mod konġunt il-proċeduri jew jitolbu allokazzjonijiet jew taħriġ, jew biex jidderieġu l-appoġġ operazzjonali⁴⁰. It-tnaqqis li għaddej fit-talbiet għall-ażil fl-Unjoni se jkompli jgħin lill-Istati Membri jnaqqsu l-backlogs fil-każijiet ta' ażil.

³⁷ It-tħassib huwa relatat pereżempju mal-Belġju, fejn il-qradi jkomplu jidentifikaw nuqqas ta' kundizzjonijiet adegwati ta' akkoljenza. Tħassib ieħor huwa relatat ukoll mal-Bulgarija, ma' Ċipru, mal-Kroazja, mal-Latvja, mal-Greċja u man-Netherlands.

³⁸ B'mod aktar wiesa', l-organizzazzjoni tas-sistemi ta' akkoljenza hija differenti madwar l-Unjoni. Il-benefiċjarji tal-protezzjoni temporanja li jingħataw appoġġ għall-akkomodazzjoni barra minn din is-sistema ma jingħaddux fir-rapportar tad-data tal-Istati Membri.

³⁹ L-Istati Membri li bħalissa huma impenjati f'dawn ir-riformi differenti jinkludu l-Belġju, Ċipru, il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja u Malta.

⁴⁰ Pereżempju, l-Awstrija, il-Belġju, Ċipru, l-Estonja u l-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, u l-Litwanja.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri żguraw il-kooperazzjoni mal-korpi ġudizzjarji fil-ħidma ta' implimentazzjoni tagħhom⁴¹. Dan huwa kruċjali biex jiġi żgurat l-allinjament bejn il-prattiki ġudizzjarji nazzjonali u d-dispożizzjonijiet tal-Patt, biex sistemi ġudizzjarji effiċjenti jkunu jistgħu jnaqqsu l-ħinijiet tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet u jespandu l-kapaċitajiet biex jipproċessaw l-appelli.

Kif innotat hawn fuq, il-proċedura leġislattiva għall-proposti tal-Kummissjoni relatati mal-Kunċett ta' Pajjiż Terz Sikur u mal-istabbiliment ta' lista ta' Pajjiżi ta' Oriġini Bla Periklu, li se tiffaċilita l-proċeduri, għadha għaddejja⁴².

Sfidi ewlenin u passi li jmiss:

Minkejja l-miżuri li ttieħdu, huma meħtieġa aktar sforzi biex jitnaqqsu l-backlogs u tiġi evitata l-akkumulazzjoni ta' oħrajn godda⁴³. Dan jista' jinkludi l-varar f'waqtu ta' proċeduri ta' reklutaġġ, għal arranġamenti kemm interim kif ukoll fit-tul, u tat-taħriġ meħtieġ biex il-persunal isir familjari mal-qafas il-ġdid, f'kooperazzjoni possibbli mal-EUAA. Huwa biss bit-naqqis tal-backlogs tagħhom li l-Istati Membri se jkunu jistgħu jillimitaw kemm jista' jkun sitwazzjoni ta' tħaddim ta' żewġ sistemi b'mod parallel wara Ġunju 2026 (waħda bbażata fuq l-acquis li sa dak iż-żmien ikun antik tad-Direttiva 2013/32/UE, u oħra bbażata fuq ir-Regolament (UE) 2024/1348 għall-każijiet li jaslu wara t-12 ta' Ġunju 2026).

L-Istati Membri kollha huma mħeġġa jagħmlu aktar enfasi fuq il-kooperazzjoni mal-ġudikatura u jindirizzaw ir-riskji possibbli ta' sistemi ġudizzjarji mgħobbija żżejjed u ta' nuqqasijiet ta' persunal, anki bil-ħsieb tal-iskadenzi mqassra skont il-proċeduri l-ġodda.

Hekk kif jaġġustaw is-sistemi tagħhom, l-Istati Membri jeħtieġ ukoll li jkomplu jiżguraw l-aċċess effettiv għall-proċeduri tal-ażil u l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' non-refoulement.

F'konformità mal-Komunikazzjoni 2024/570 dwar il-ġlieda kontra t-theddid ibridu mill-użu bħala arma tal-migrazzjoni u t-tiħiħ tas-sigurtà fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, il-miżuri li ttieħdu biex jindirizzaw tali użu bħala arma tal-migrazzjoni fil-fruntieri mal-Belarusija u mar-Russja li jinvolvu interferenzi serji mad-drittijiet fundamentali, bħad-dritt għall-ażil u l-garanziji relatati, għandhom ikunu temporanji, proporzjonati u limitati għal dak li huwa strettament meħtieġ, u jiżguraw li tiġi rispettata l-essenza ta' dawk id-drittijiet, filwaqt li jiġu ssodisfati l-oġġettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni.

Element Kostitwenti 5 – Proċeduri ta' ritorn aktar effiċjenti u ġusti

Bħala parti mill-isforzi konġunti biex jiġu simplifikati u integrati l-proċeduri amministrattivi, flimkien mal-ħruġ ta' deċiżjonijiet negattivi dwar l-ażil u deċiżjonijiet ta' ritorn⁴⁴, l-Istati

⁴¹ Diversi Stati Membri jiffokaw fuq it-tiħiħ tal-ġudikatura, inkluż l-Awstrija, iċ-Ċekja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Finlandja u l-Estonja. Pereżempju, fl-Awstrija, il-Qorti Amministrattiva Federali nediet proġett intern tal-qorti "Ready 4 GEAS".

⁴² Dwar tal-ewwel, il-Parlament Ewropew ħatar ir-rapporteur tiegħu, u l-ewwel laqgħa teknika saret fil-25 ta' Settembru. Il-Kunsill beda l-ħidma fuq il-pożizzjoni tiegħu, bid-diskussjonijiet għaddejjin fil-kuntest tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ażil. Rigward il-proposta għal lista tal-Unjoni ta' Pajjiżi ta' Oriġini Bla Periklu, id-diskussjonijiet qed jagħmlu progress fil-Kunsill, bil-Presidenza Daniża tmexxi 'l quddiem proposta ta' kompromess. Il-Parlament Ewropew ħatar ir-Rapporteur tiegħu, u saru żewġ laqgħat tekniċi f' Settembru.

⁴³ L-Istati Membri li jiffaċċjaw sfidi relatati jinkludu l-Belġju, il-Kroazja, l-Estonja, il-Ġermanja, il-Ġreċja, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall u Spanja. Fl-istess ħin, f'għadd ta' Stati Membri, inklużi l-Awstrija, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Litwanja, Malta, is-Slovakkja u l-Iżvezja, il-każijiet pendenti naqsu b'bejn 24 % u 50 % fil-perjodu minn Ġunju 2024 sa Ġunju 2025.

⁴⁴ Skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2024/1348.

Membri qed itejbu s-sistemi nazzjonali tagħhom ta' ġestjoni tal-każijiet ta' ritorn u qed jieħdu passi biex il-proċess ta' ritorn isir aktar effettiv.

Diversi Stati Membri għamlu pjanijiet biex iżidu l-kapaċità tagħhom ta' konsulenza dwar ir-ritorn. Miżuri oħrajn jinkludu t-tisħiħ ta' Programmi ta' Għajnuna għar-Ritorn Volontarju, pjanijiet biex jiżiedu l-kapaċitajiet umani għall-awtoritajiet li jimmaniġġaw il-proċeduri ta' ritorn jew biex jiġu stabbiliti uffiċċji ta' ritorn biex jiffaċilitaw ir-relazzjonijiet interistituzzjonali u jiżidu l-effiċjenza tal-proċeduri ta' ritorn⁴⁵.

Il-Frontex, kif mitluba mill-Istati Membri, se ssaħħaħ aktar l-appoġġ tagħha ta' konsulenza, speċifikament immirata lejn nazzjonali ta' pajjiżi terzi li l-appell tagħhom kontra deċiżjonijiet negattivi dwar l-ażil tahom id-dritt li jibqgħu fit-territorju sakemm isir rieżami tal-ewwel istanza⁴⁶. Barra minn hekk, il-Frontex qed taħdem fuq taħriġ għall-ispeċjalisti tar-ritorn dwar il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, is-sistemi tal-IT tar-ritorn, u dwar il-konsulenza għar-ritorn u r-riintegrazzjoni. L-Istati Membri kollha qed ikomplu jużaw b'mod attiv il-Programm ta' Riintegrazzjoni tal-UE tal-Frontex.

Sfidi ewlenin u passi li jmiss:

Il-Kummissjoni tkompli tpoġġi prijorità fuq li jitmexxew 'il quddiem in-negożjati dwar ir-Regolament propost dwar ir-Ritorn⁴⁷, li jirriżulta fi ftehim rapidu bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, fi kwalunkwe każ qabel l-applikazzjoni tal-Patt f'Ġunju 2026. Il-Koordinatur għar-Ritorn qed jaħdem biex jiżviluppa manwal dwar il-flussi tax-xogħol effettivi fil-Proċedura ta' Ritorn fuq il-Fruntiera din is-sena. B'mod parallel, is-servizzi tal-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, qed jesploraw il-possibbiltà li jistabbilixxu mekkaniżmi biex jappoġġaw lil dawk l-Istati Membri li għadhom mhux qed joħorġu deċiżjonijiet ta' ritorn fl-istess ħin bħad-deċiżjonijiet negattivi dwar l-ażil biex jiżviluppaw il-kapaċitajiet u l-proċeduri biex jagħmlu dan.

Il-Frontex se tkompli timmappja s-sistemi tal-IT ta' ġestjoni tal-każijiet ta' ritorn tal-Istati Membri billi twettaq analiżijiet tal-lakuni u tagħti pariri dwar aktar titjib, kif ukoll billi tipprova tistabbilixxi interkonnessjonijiet bejn is-sistemi tal-IT ta' ġestjoni tal-każijiet ta' ritorn tal-Frontex u dawk tal-Istati Membri. B'mod aktar wiesa', bħalissa l-Frontex qed tevalwa kif la-aħjar tadatta l-appoġġ tagħha lill-Istati Membri fit-twettiq ta' ritorni furzati u volontarji fil-qafas tal-Patt. Dan jista' jinvolvi l-istabbiliment ta' rotot addizzjonali ta' ritorn, il-faċilitazzjoni tat-tluq minn ajruporti periferali, u l-kapaċità ta' rispons flessibbli għar-reqwiziti għal titjiriet charter li jsiru ftit wara li jkun ingħata avviż. Fuq talba tal-Istati Membri, il-Frontex tista' tuża wkoll Uffiċċjali tal-Iskorta tar-Ritorn u ta' Appoġġ (FRESO, Frontex Return Escort and Support Officers) u timijiet mobbli konġunti speċjalizzati fir-ritorn. L-Aġenzija se tespandi wkoll il-kopertura ġeografika tal-Programm ta' Riintegrazzjoni tal-UE.

Element Kostitwenti 6 -Nagħmlu r-responsabbiltà taħdem

Fil-livell orizzontali, ir-regoli ta' implimentazzjoni l-ġodda għar-Regolament (UE) 2024/1351 ġew iffinalizzati f'Lulju, u l-adozzjoni finali tagħhom hija pplanata għal Ottubru. Ir-regoli jkopru kemm ir-regoli dwar ir-responsabbiltà kif ukoll l-elementi tal-mekkaniżmu ta'

⁴⁵ Dan jinkludi l-Awstrija, l-Italja, ir-Rumanija u s-Slovenja (konsulenza); Ċipru, il-Bulgarija u ċ-Ċekja (AVVR, dwar l-uffiċċji tar-ritorn: il-Bulgarija u l-Iżvezja.

⁴⁶ Ara l-Artikoli 38 u 68 tar-Regolament (UE) 2024/1348.

⁴⁷ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fl-Unjoni, u li tassar id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE [EUR-Lex - 52025PC0101 - MT - EUR-Lex](#).

solidarjetà. Dawn jiddefinixxu l-modalitajiet tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri kif ukoll id-dettalji prattiċi għall-implimentazzjoni effettiva tar-regoli dwar ir-responsabbiltà stabbiliti f'dak ir-Regolament (ir-“regoli ta’ Dublin”) u l-mekkaniżmu ta’ solidarjetà, filwaqt li jwettqu b’mod effettiv diversi oġettivi intermedji ewlenin fis-sitt u seba’ elementi kostitwenti tal-Pjan ta’ Implimentazzjoni Komuni.

B’apoġġ għar-riformi tar-regoli dwar ir-responsabbiltà skont ir-Regolament (UE) 2024/1351, l-EUAA ppubblikat żewġ mudelli għall-formoli tat-traċċar tal-familja⁴⁸, Gwida Prattika dwar it-traċċar tal-familja⁴⁹ u l-Gwida dwar l-intervisti mill-bogħod f’April 2025⁵⁰. L-Aġenzija qed taħdem ukoll fuq ir-reviżjoni tal-“Gwida dwar il-proċedura ta’ Dublin: standards u indikaturi operazzjonali” tal-EUAA, ippjanata għall-2026.

L-Istati Membri qed ikomplu javvanzaw ir-riformi, isaħħu l-livelli tal-persunal tagħhom, jipprovdu taħriġ dwar ir-regoli dwar ir-responsabbiltà l-ġodda, jistabbilixxu faċilitajiet dedikati, jirfinaw il-proċeduri għall-gruppi vulnerabbli jew għall-familji, u jtejbu l-infrastruttura tal-IT tagħhom⁵¹. L-Istati Membri qed jieħdu wkoll azzjoni biex inaqqsu l-possibbiltajiet u l-inċentivi għal movimenti mhux awtorizzati permezz ta’ riformi fis-sistema ta’ akkoljenza tagħhom (ara t-taqsima 3.4 hawn fuq), bħall-ħolqien ta’ ċentri ta’ Dublin, u permezz ta’ bidliet leġiżlattivi li jużaw id-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar ir-restrizzjoni tal-moviment liberu, iżda wkoll permezz ta’ kooperazzjoni bilaterali akbar.

Sfidi ewlenin u passi li jmiss:

Fil-livell tal-Istati Membri, għad hemm sfidi sistemiċi, b’mod partikolari n-nuqqasijiet ta’ persunal, l-akkumulazzjoni ta’ backlogs, kapaċitajiet tal-akkoljenza insuffiċjenti għal trasferimenti li jidhru, u l-ħrib tal-applikanti. Sabiex tiġi salvagwardjata l-implimentazzjoni sħiħa tas-sistema l-ġdida, huwa essenzjali li jintbagħat sinjal ċar li jistgħux jiġu evitati r-regoli dwar ir-responsabbiltà.

Peress li hemm fis-seħħ kundizzjonijiet biex it-trasferimenti jiffunzjonaw lejn l-Istati Membri kollha u minnhom, u bil-ħsieb tar-regoli applikabbli, dawn għandhom isiru lejn l-Istati Membri kollha. Dan huwa importanti għat-tranżizzjoni effettiva għar-regoli l-ġodda, u għall-funzjonament effettiv taċ-ċiklu annwali ta’ solidarjetà.

Kif issottolinjat kemm fir-Rapport Ewropew Annwali dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni kif ukoll fil-Komunikazzjoni preċedenti dwar is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-Patt, l-Istati Membri jridu jindirizzaw kwalunkwe restrizzjoni operazzjonali jew tal-kapaċità pendenti. Dan jestendi għal miżuri li jikkonċernaw elementi kostitwenti ewlenin oħra, b’mod partikolari l-kundizzjonijiet ta’ akkoljenza u l-opportunitajiet għal integrazzjoni bikrija. Huwa marbut mill-qrib ukoll mal-implimentazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) 2024/1358.

Abbażi tar-regoli l-ġodda, l-eu-LISA issa qed tiżviluppa l-miżuri tekniċi u operazzjonali għall-komunikazzjoni bejn l-Istati Membri permezz ta’ DubliNet. Barra minn hekk, l-EUAA se tippubblika r-reviżjoni tal-*Gwida tal-EUAA dwar il-proċedura ta’ Dublin: standards u indikaturi operazzjonali*.

⁴⁸ [Formola tat-Traċċar tal-Familja – Minorenni | L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil u Formola tat-Traċċar tal-Familja – Adult | L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil.](#)

⁴⁹ [Practical Guide on Family Tracing Part I: https://euaa.europa.eu/publications/practical-guide-family-tracing-part-i-principles-practices;](https://euaa.europa.eu/publications/practical-guide-family-tracing-part-i-principles-practices;) [Practical Guide on Family Tracing Part II: https://euaa.europa.eu/publications/practical-guide-family-tracing-part-ii-tracing-AMMR.](https://euaa.europa.eu/publications/practical-guide-family-tracing-part-ii-tracing-AMMR)

⁵⁰ [EUAA Guidance on Remote Interviews: https://euaa.europa.eu/publications/guidance-remote-interviews.](https://euaa.europa.eu/publications/guidance-remote-interviews)

⁵¹ Dawn jinkludu l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, il-Litwanja, Malta u l-Portugall.

Element Kostitwenti 7 – Nagħmlu s-solidarjetà taħdem

It-tnedija tal-ewwel Ċiklu Annwali tal-Ġestjoni tal-Migrazzjoni u l-istabbiliment tal-ewwel Riżerva ta' Solidarjetà huma riżultat tanġibbli ewlieni tal-Patt, marbut mal-aspett tar-responsabbiltà tar-riformi. Ir-Rapport Ewropew Annwali dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni, li jinkludi wkoll projezzjoni tal-wasliet, jipprovdi l-bażi ta' evidenza għad-Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni u l-Proposta tal-Kummissjoni għal Att ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill⁵².

Il-ħidma preparatorja għall-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà kompliet fil-qafas tal-Pjattaforma ta' Solidarjetà, kif għamlet it-tnejnija tal-gwida Prattika tal-EUAA dwar l-implimentazzjoni operazzjonali tal-kumpens tar-rilokazzjoni u tar-responsabbiltà mistennija għal Marzu 2026. Il-ħidma konġunta li għaddejjja bejn il-Kummissjoni, l-aġenziji tal-Unjoni u l-Istati Membri fil-qafas tan-*Network tal-Blueprint*⁵³ wasslet għal eżitu sodisfaċenti fit-trażmissjoni u l-ġbir ta' data għall-fini taċ-Ċiklu Annwali tal-Ġestjoni tal-Migrazzjoni, li jipprovdi bażi tad-data solida u oġġettiva għall-valutazzjoni tas-sitwazzjoni migratorja fl-Unjoni.

Sfidi ewlenin u passi li jmiss:

Il-passi li jmiss huma definiti fir-Rapport Ewropew Annwali dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni. L-aktar importanti, l-Istati Membri se jkunu meħtieġa jaqblu dwar il-livell ġenerali ta' solidarjetà u jiddefinixxu l-wegħdiet tagħhom fil-Forum ta' Solidarjetà tal-Unjoni ta' Livell Għoli, bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar ir-Riżerva ta' Solidarjetà. B'mod parallel, it-tnejniet għall-operazzjonalizzazzjoni tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà jinsabu għaddejjin fil-Kummissjoni, b'mod partikolari bil-ħidma lejn l-istabbiliment tal-Forum ta' Livell Tekniku dwar is-Solidarjetà, kif ukoll fl-Istati Membri.

Għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-Patt, jibqa' essenzjali bażi ta' evidenza komuni u l-kondiviżjoni tad-data. L-Istati Membri huma mħeġġa jkomplu jaħdmu flimkien mal-Aġenziji tal-Unjoni u mal-Eurostat biex jiġbru u jibagħtu data preċiża u f'waqtha, filwaqt li jirrispettaw l-iskadenzi stabbiliti u d-definizzjoni maqbula b'mod komuni tal-indikaturi. Is-simplifikazzjoni tad-data dwar il-protezzjoni internazzjonali għadha għaddejjja biex jiġi żgurat sett uniku ta' statistika Ewropea uffiċjali dwar il-protezzjoni internazzjonali⁵⁴. It-titjib fil-ġbir u fil-kwalità tad-data se jkompli, anki permezz tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1358.

Element Kostitwenti 8 – Preparatizza u ppjanar ta' kontinġenza

Il-bieċa l-kbira tal-Istati Membri adottaw u nnotifikaw il-pjanijiet nazzjonali ta' kontinġenza tagħhom dwar l-akkoljenza u l-ażil lill-EUAA⁵⁵, wara li ġew stabbiliti standards komuni u komparabbli fil-mudell ipprovdut mill-EUAA. B'dan il-mod, laħqu objettiv intermedju importanti ieħor li kien stabbilit fil-leġiżlazzjoni.

Il-bieċa l-kbira tal-pjanijiet nazzjonali ta' kontinġenza nnotifikati lill-EUAA jirriflettu l-elementi ewlenin tal-mudell (l-ażil, l-akkoljenza u l-minorenni mhux akkumpanjati),

⁵² Ara l-Artikoli 9, 11 u 12 tar-Regolament (UE) 2024/1351.

⁵³ In-*Network tal-Blueprint*, riżultat tanġibbli bikri tal-Patt, huwa l-qafas operazzjonali li jlaqqa' flimkien lill-partijiet ikkonċernati rilevanti tal-Unjoni biex jimmonitorjaw u janticijaw il-flussi u s-sitwazzjonijiet tal-migrazzjoni. Dan ġie stabbilit bir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1366 tat-23 ta' Settembru 2020 dwar mekkaniżmu tal-UE għat-Tnejnija u għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet b'raba mal-Migrazzjoni, [EUR-Lex - 32020H1366 - MT - EUR-Lex](#).

⁵⁴ Qed jiġi stabbilit proġett konġunt bejn l-EUAA u l-EUROSTAT biex tiġi simplifikata l-istatistika dwar il-protezzjoni internazzjonali.

⁵⁵ Il-Polonja u l-Ungerija għad iridu jinnotifikaw il-pjanijiet ta' kontinġenza tagħhom lill-EUAA.

għalkemm b'livelli differenti ta' kompletezza u ċarezza⁵⁶. Il-biċċa l-kbira tal-pjanijiet kienu jinkludu wkoll xenarji dettaljati b'indikaturi u limiti ċari, kif ukoll rabtiet bejn ix-xenarji u l-miżuri ta' rispons. Il-maġġoranza tal-pjanijiet jispjegaw il-proċedura għall-attivazzjoni/għad-diżattivazzjoni tax-xenarji rilevanti⁵⁷. Il-ħarsa ġenerali tal-arranġamenti tal-governanza varjat ukoll, b'xi Stati Membri jindirizzaw f'aktar dettall kif l-awtoritajiet differenti kienu involuti fil-formulazzjoni tal-pjan u kif se jkunu involuti fl-attivazzjoni tiegħu f'xenarji u oqsma differenti.

Sfidi ewlenin u passi li jmiss:

Il-Kummissjoni u l-EUAA huma f'kuntatt mal-Istati Membri dwar kif isaħħu l-kompletezza u ċ-ċarezza tal-pjanijiet. Xi oqsma ġenerali ta' titjib huma relatati ma' identifikazzjoni aħjar ta' indikaturi fformulati tajjeb u li jistgħu jitkejlu għal kull xenarju. Barra minn hekk, il-pjanijiet għandhom jinkludu miżuri ċari ta' rispons għal kull qasam u xenarju. Dan jinkludi l-użu possibbli tal-appoġġ tal-EUAA. Miżuri ta' preparatezza (eż. il-loġistika u l-preparatezza għall-akkwist, il-kumulazzjoni ta' riżerva, it-taħriġ jew il-kapaċità ta' akkoljenza ta' riżerva) għandhom jittieħdu biex jiġi żgurat li l-kapaċitajiet ikunu jistgħu jiġu mobilizzati b'mod flessibbli u effiċjenti u dawn għandhom jiġu artikulati fil-pjan ta' kontinġenza. Filwaqt li kważi l-Istati Membri kollha indikaw rabtiet ma' pjanijiet ta' kontinġenza rilevanti oħra (eż. tal-fruntieri, tar-ritorni), mhux kollha inkludew dawn ir-referenzi. Il-biċċa l-kbira tal-pjanijiet ma jispjegawx il-proċess u l-atturi li jkunu involuti biex jiżguraw ir-reviżjonijiet obligatorji previsti fid-Direttiva (UE) 2024/1346.

Kif indikat minn xi Stati Membri, il-preparamenti leġiżlattivi u amministrattivi li għaddejjin għad-dħul fis-seħħ tal-Patt għandhom jistgħu jaffettwaw il-kontenut tal-pjanijiet ta' kontinġenza tagħhom. Għalhekk, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jiżguraw li jiġu aġġornati l-pjanijiet tagħhom, jekk meħtieġ, u notifikati lill-EUAA sal-mument tad-dħul fis-seħħ tal-Patt. Ikun ukoll rakkomandabbli li jiġu żgurati l-bini tal-kapaċitajiet u l-ittestjar tal-pjanijiet.

Element Kostitwenti 9 – Salvagwardji ġodda għall-applikanti għal protezzjoni internazzjonali u għall-persuni vulnerabbli, u aktar monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali

Matul dawn l-aħħar ftit xhur, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ċċaraw l-arranġamenti tagħhom relatati mal-konsulenza legali. F'xi każijiet, l-Istati Membri jeħtieġ li jintroduċu bidliet leġiżlattivi, li bħalissa qed jiġu abbozzati⁵⁸. Fil-livell operazzjonali, filwaqt li diversi pajjiżi qed ikomplu bl-arranġamenti eżistenti, il-biċċa l-kbira qed jagħmlu l-bidliet, billi jespandu l-arranġamenti eżistenti tagħhom jew jistabbilixxu oħrajn ġodda. Maġġoranza kbira tal-Istati Membri qed jippjanaw li jaħdmu mas-sħab, mal-aġenziji indipendenti u/jew mal-avukati/assoċjazzjoni tal-ghajjnuna legali⁵⁹. Bl-istess mod, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri sa

⁵⁶ Pereżempju, kwistjonijiet relatati man-nuqqas ta' ażil fil-pjan (Franza); man-nuqqas, jew ma' nuqqas ta' ċarezza, tal-miżuri ta' rispons relatati mal-minorenni mhux akkumpanjati (Ċipru, l-Estonja, in-Netherlands, il-Portugall u Spanja), mal-miżuri ta' preparatezza u ta' rispons (Ċipru), man-nuqqas ta' ċarezza dwar il-miżuri skont ix-xenarji (l-Estonja u n-Netherlands). Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-Istati Membri kkonfermaw li biħsiebhom jirrevedu u jlestu l-pjanijiet biex jallinjawhom aħjar mal-mudell tal-EUAA. Ċipru, l-Estonja u n-Netherlands diġà qed jirrevedu l-pjanijiet tagħhom, bl-appoġġ tal-EUAA.

⁵⁷ Fit-30 ta' Lulju 2025, ġew iċċirkolati lill-Istati Membri indikazzjonijiet konġunti biex il-Kummissjoni u l-EUAA jiġu notifikati dwar l-attivazzjoni u d-diżattivazzjoni tal-pjan fil-każijiet previsti fid-Direttiva (UE) 2024/1346.

⁵⁸ Dawn jinkludu Ċipru, l-Awstrija, il-Finlandja, Spanja, il-Bulgarija, in-Netherlands, is-Slovenja u l-Iżvezja.

⁵⁹ Bħall-Awstrija, il-Bulgarija, l-Estonja, il-Kroazja (għalkemm qed tibni fuq is-sistema kurrenti), iċ-Ċekja, l-Irlanda (bord tal-ghajjnuna legali), l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja (li qed

issa identifikaw sħab jew arranġamenti istituzzjonali biex jistabbilixxu l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-kompitu se jiġi attribwit lill-ombudspersons eżistenti⁶⁰.

F'Settembru 2025, rigward is-salvagwardji, l-EUAA ffinalizzat il-materjali għall-għoti ta' informazzjoni relatat mal-proċeduri l-ġodda u ħarġet Gwida Prattika għall-konsulenza legali bla ħlas fl-istadju amministrattiv tal-proċedura⁶¹. Għall-Istati Membri, speċjalment l-introduzzjoni tal-iskrinjar irrikjediet attenzjoni u taħriġ mill-ġdid speċifikament relatati mal-identifikazzjoni tal-vulnerabbiltà u r-rispons għaliha⁶². Bħala parti minn dan l-isforz, qed jiġu organizzati sessjonijiet ta' taħriġ. Sabiex jiġu appoġġati l-identifikazzjoni bikrija u r-risponsi adegwati u armonizzati, is-sett ta' għodod il-ġodda għall-iskrinjar imsemmi hawn fuq (it-taqsim 3.3) jinkludi wkoll anness prattiku dwar it-twettiq ta' verifiki preliminari tal-vulnerabbiltà. Barra minn hekk, ġie magħmul disponibbli taħriġ imfassal apposta⁶³. L-EUAA qed tiffinalizza wkoll ir-reviżjoni tal-modulu ta' taħriġ usa' "Introduzzjoni għall-vulnerabbiltà" biex jirrifletti l-leġiżlazzjoni tal-Patt. Fir-rigward tar-ritorni, il-Frontex, f'kollaborazzjoni ma' partijiet ikkonċernati oħra, qed tiżviluppa applikazzjoni għall-apparati mobbli fuq il-ħidma ma' gruppi vulnerabbli, li tinkludi wkoll verifika tal-vulnerabbiltà. L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (minn hawn 'il quddiem: FRA) qed tkompli tagħti pariri lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u lill-gvernijiet nazzjonali dwar id-drittijiet fundamentali.

L-Istati Membri ffokaw ukoll fuq azzjonijiet relatati mat-tfal li jinkludu passi biex jiżguraw akkoljenza adegwata, f'xi każijiet bidliet fil-proċeduri ta' valutazzjoni tal-età, kif ukoll aktar involviment relatat mal-ħatriet tal-kustodja u s-superviżjoni tagħhom⁶⁴.

Sfidi ewlenin u passi li jmiss:

L-Istati Membri li għadhom ma ddefinewx l-arranġamenti relatati mal-għoti ta' pariri legali⁶⁵ jew mal-mekkaniżmu indipendenti tad-drittijiet fundamentali⁶⁶ għandhom jagħmlu dan. L-Istati Membri kollha għandhom jindirizzaw kwalunkwe kwistjoni pendenti relatata mal-iżgurar tal-kompetenza u ta' indipendenza adegwata u jiddefinixxu linji ċari ta' responsabbiltà u ta' akkontabbiltà. Dan jimplika l-evitar tal-qsim ta' dan ir-rwol bejn atturi differenti jew, meta jintgħażlu arranġamenti komposti, li rwol ewleni jiġi definit b'mod ċar. Filwaqt li tibni fuq il-

tespandi l-arranġamenti kurrenti), is-Slovenja, Spanja, in-Netherlands, il-Ġermanja u l-Finlandja qed jibbażaw fuq arranġamenti interni.

⁶⁰ Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-kompitu huwa attribwit, jew se jiġi attribwit, lill-ombudsperson eżistenti (l-Awstrija, il-Bulgarija, Ċipru, iċ-Ċekja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Estonja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, għalkemm hemm eċċezzjonijiet bħall-Kroazja, in-Netherlands. Fir-Rumanija, l-ombudsperson diġà ġie nkarigat formalment bil-kompitu. L-Irlanda tipproponi l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' sorveljanza indipendenti permezz ta' Spettur Ewlieni għall-Ażil u l-Proċeduri fuq il-Fruntiera, appoġġat minn bord konsultattiv.

⁶¹ Sa tmiem is-sena, il-materjali għall-għoti tal-informazzjoni se jiġu tradotti fi 23 lingwa tal-Unjoni u f'20 lingwa mhux tal-Unjoni.

⁶² L-Awstrija, pereżempju, nediet inizjattiva biex tistabbilixxi uffiċjali tal-vulnerabbiltà u ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-UNHCR.

⁶³ "Vulnerability in the Pact on Migration and Asylum" (Il-vulnerabbiltà fil-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil), <https://euaa.europa.eu/publications/euaa-tailor-made-training-plan-pact-migration-and-asylum>.

⁶⁴ Hawnhekk il-Patt jikkontribwixxi għal riformi usa': wara perjodu ta' affollament li enfasizza l-ħtieġa li tiġi estiża u riformata s-sistema ta' akkoljenza, is-sistema b'saħħitha ta' protezzjoni tat-tfal tal-Irlanda se tissaħħaħ permezz tal-implimentazzjoni tal-Patt.

⁶⁵ Il-Greċja u l-Ungerija.

⁶⁶ Dawn tal-aħħar jinkludu, għal raġunijiet differenti: id-Danimarka, il-Finlandja, il-Greċja, l-Ungerija, Malta, is-Slovenja, Spanja u l-Iżvezja.

gwida tagħha ta' Diċembru 2024 relatata mal-istabbiliment tal-Mekkaniżmu nnifsu, il-FRA bħalissa qed tiżviluppa gwida metodoloġika għall-ħidma tal-kontrolluri maħtura futuri.

Għad iridu jiġu indirizzati wkoll sfidi fir-rigward tal-gruppi vulnerabbli ospitati fis-sistema ta' akkoljenza, bħall-minorenni mhux akkumpanjati u l-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru. Għandu jkun hemm kapaċitajiet ta' akkoljenza suffiċjenti u adegwati għall-minorenni mhux akkumpanjati li fil-prinċipju ma għandhomx jinżammu flimkien mal-adulti. L-Istati Membri għandhom iżidu l-isforzi biex jiżguraw li jkun hemm rappreżentanti adegwati u f'waqthom għall-minorenni matul il-passi kollha tal-proċess tal-ażil u biex jiżguraw l-aċċess għall-edukazzjoni u s-servizzi tas-saħħa għat-tfal f'konformità mal-Patt. Fis-sistemi federali, hija meħtieġa attenzjoni speċjali biex il-leġiżlazzjoni u l-prattika jiġu allinjati fil-livelli kollha tal-gvern.

Il-laqgħa li jmiss tal-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni dwar it-tfal migranti se tiffoka primarjament fuq ir-riformi tal-kustodja meħtieġa mill-Patt. F'dan ir-rigward, l-FRA qed taħdem biex taġġorna l-Manwal tal-2014 dwar il-kustodja għat-tfal mhux akkumpanjati f'konformità mad-dispożizzjonijiet introdotti mill-Patt. Din is-sena stess, l-EUAA se tippubblika aġġornament tal-Gwida tal-2018 dwar il-Valutazzjoni tal-Età (it-tielet edizzjoni).

Element kostitwenti 10 – Integrazzjoni u perkorsi legali għall-protezzjoni

Risistemazzjoni u perkorsi legali: Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għall-ewwel Pjan tal-Unjoni għar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja ta' sentejn (minn hawn 'il quddiem: il-Pjan tal-Unjoni). Il-proposta għall-Pjan tal-Unjoni għandha l-għan li tistabbilixxi l-għadd totali ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew ta' persuni apolidi li jeħtieġu protezzjoni, li l-Istati Membri għandhom l-għan li jdaħħlu fl-Unjoni fl-2026 u fl-2027. Din tirrifletti d-diskussjoni li saret fil-laqgħat tal-Kumitat għar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja ta' Livell Għoli, il-kontributi volontarji li saru mill-Istati Membri parteċipanti, u l-ħtiġijiet ta' Risistemazzjoni Globali Previsti identifikati mill-UNHCR. Il-Pjan tal-Unjoni propost jidentifika r-regġuni minn fejn għandha sseħħ l-ammissjoni, bl-oġġettiv li jiġu pprovduti alternattivi sikuri vijabbli għall-vjaġġi irregolari u jissaħħaħ aktar ir-rwol tar-risistemazzjoni u tal-ammissjoni umanitarja fil-bini ta' sħubijiet ma' pajjiżi terzi.

L-EUAA tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri bi ħtiġijiet relatati u qed tiffinalizza l-aġġornament għall-moduli ta' taħriġ tagħha dwar il-perkorsi komplementari u dwar il-fażi tas-selezzjoni fil-kuntest tar-risistemazzjoni u tal-ammissjoni umanitarja qabel l-iskeda sa tmiem l-2025.

Integrazzjoni tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali: Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ħadmu biex jinkludu d-dispożizzjonijiet tal-Patt relatati ma' miżuri ta' integrazzjoni u ta' integrazzjoni bikrija fil-proċessi nazzjonali tagħhom ta' implimentazzjoni u ta' traspożizzjoni. Kif innotat f'Ġunju, il-ħtieġa ta' aktar investment jew ta' aktar appoġġ għall-miżuri ta' integrazzjoni, inkluż billi jiġu żviluppati miżuri ta' integrazzjoni bikrija u proċess aktar effiċjenti għar-rikonoxximent tal-kwalifiki u għall-validazzjoni tal-ħiliet, ġiet indirizzata minn diversi Stati Membri fil-Pjanijiet Nazzjonali ta' Implimentazzjoni tagħhom. Xi Stati Membri għamlu progress fl-istrateġiji nazzjonali tal-integrazzjoni⁶⁷ jew għandhom l-għan li jespandu l-isforzi tal-integrazzjoni b'korsijiet ġodda, jew li jsiru aktar kmieni, tal-integrazzjoni u tal-lingwa⁶⁸.

⁶⁷ Malta nediet l-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni (2025-2030) f'Jannar 2025.

⁶⁸ Pereżempju, l-Awstrija, iċ-Ċekja, l-Estonja, l-Italja, il-Lussemburgu u s-Slovenja.

Sfidi ewlenin u passi li jmiss:

Il-Kunsill se jkun meħtieġ jadotta l-Pjan tal-Unjoni għar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja, abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni, sal-aħħar tas-sena. Il-Kummissjoni tinsab lesta li tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tiegħu.

Politika ta' integrazzjoni koerenti u li tiffunzjona, li tinkludi miżuri ta' integrazzjoni bikrija, tibqa' prerekwiżit biex tiġi appoġġata l-awtosuffiċjenza tal-applikanti, titrawwem il-koeżjoni soċjali u biex il-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali jkunu jistgħu jikkontribwixxu għas-soċjetajiet ospitanti kemm jista' jkun malajr⁶⁹. Dan jikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tal-inċentivi għal movimenti mhux awtorizzati.

Minkejja l-importanza kritika tagħhom, il-miżuri ta' appoġġ għall-integrazzjoni għadhom ivarjaw ħafna, u diversi Stati Membri għad iridu jżidu l-isforzi tagħhom, partikolarment rigward l-appoġġ għall-aċċess għal akkomodazzjoni adegwata, l-appoġġ għal integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-istabbiliment ta' miżuri ta' integrazzjoni bikrija⁷⁰. Sabiex iżidu l-effettività tal-appoġġ tagħhom, l-Istati Membri għandhom jagħmlu aktar sforzi biex jipprovdu miżuri adattati għal ħtiġijiet speċifiċi u jneħħu l-ostakli għal gruppi fil-mira bħan-nisa, it-tfal jew il-persuni bi ħtiġijiet relatati mas-saħħa mentali migranti, kif enfasizzat fir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-integrazzjoni u l-inklużjoni.

Il-Kummissjoni qed tkompli tappoġġa l-politiki ta' integrazzjoni tal-Istati Membri billi ttipprovdi finanzjament (inkluż għall-integrazzjoni fit-tul taħt il-fondi ta' koeżjoni tal-Unjoni), tiżviluppa gwida u trawwem sħubijiet f'diversi livelli li jinvolvu l-migranti, il-komunitajiet ospitanti, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali u ekonomiċi, is-soċjetà ċivili u s-settur privat.

KONKLUŻJONI

Matul it-tmien xhur li ġejjin, huwa meħtieġ progress sostnut biex jiġi żgurat id-dħul fis-seħħ b'suċċess tar-riformi tal-Patt, li jipprovdi pedament stabbli għal azzjoni futura tal-Unjoni għall-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-ażil. Dan jirrikjedi sforz issa u se jirrikjedi ħidma kollettiva fil-futur.

Għandu jkun hemm fokus fuq l-isfidi deskritti f'dan ir-rapport, filwaqt li jiġi żgurat li jiffunzjonaw is-sistemi ta' solidarjetà u ta' responsabbiltà, ikunu lesti s-sistemi Eurodac, ikunu fis-seħħ l-arranġamenti għall-proċedura fuq il-fruntiera, u jiġu żgurati kapaċitajiet ta' akkoljenza adegwati fl-Istati Membri kollha. Elementi importanti oħra tal-Patt huma d-dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali, l-għoti ta' pariri legali u s-salvagwardji l-ġodda għal gruppi vulnerabbli.

Il-Kummissjoni tibqa' impenjata bis-sħiħ f'din it-triq u se tkompli l-ħidma tagħha kemm fil-livell orizzontali kif ukoll f'dak bilaterali permezz tal-ħidma tat-timijiet dedikati tal-pajjiżi.

Bil-varar taċ-Ċiklu Annwali tal-Ġestjoni tal-Migrazzjoni, irid isir progress fl-indirizzar tad-dgħufijiet eżistenti fis-sistema ta' Dublin u fit-tnejn sħiħa tal-applikazzjoni tal-qafas ta' responsabbiltà tar-Regolament (UE) 2024/1351. B'mod parallel, se jsir progress fil-ħidma għall-implimentazzjoni tar-Riżerva ta' Solidarjetà.

⁶⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni 2021-2027, COM(2020) 758 final, [EUR-Lex - 52020DC0758 - MT - EUR-Lex](#).

⁷⁰ Bħall-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, il-Greċja, l-Ungerija, il-Latvja, is-Slovakkja u r-Rumanija.

Fil-livell tal-Unjoni, riżultat tanġibbli importanti se jkun l-adozzjoni ta' Strateġija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni f'Diċembru 2025. Din l-Istrateġija se tibni fuq l-istrateġiji nazzjonali li l-Istati Membri bagħtu lill-Kummissjoni f'Ġunju, li jkopru kemm id-dimensjoni interna kif ukoll dik esterna tal-migrazzjoni f'approċċ komprensiv u integrat.

Il-Kummissjoni se tippreżenta r-rapport dwar is-sitwazzjoni attwali li jmiss dwar l-implimentazzjoni tal-Patt lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'Marzu 2026.